# il-Ħuttafa

## il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




numru 90

jannar - frar 2009




**Din bejta tan-naħal!** Meta n-naħal ma jkunux imrobbijin min-nies u jridu jibnu xehda fis-selvaġġ ..jibnu meravilja bħal din!



Ritratt ta' Victor Falzon

editorjal

## Ħej Ħbieb!

Spiss jiġu nies fuqi, kbar, u jgħiduli: "Meta kont żgħir kont membru magħkom!" U joqogħdu jirrakkuntawli kemm kienu jieħdu gost jiġu l-ħarġiet u jirċievu l-magażin - dak iż-żmien konna noħorġu magażin jismu **Il-Kanġu**, mhux **Il-Huttafa**.

Ftit ilu, waħda mara qaltli l-istess ħaġa. Imbagħad staqsejtha: "Allura x'kien ma bqajtx membru?"

Wiġbitni: "U ma tafx int, meta bdejt nikber qisu n-natura ma baqgħetx importanti."

X'ħasra hux min jaħseb hekk, kemm qed jitlef ġmiel. Ma nafx, jien innatura dejjem bqajt naraha sabiħa u interessanti, avolja ili ħafna ħafna snin membru. Jiena nispera li intom ukoll tibqgħu ħajjitkom kollha tissaħħru bil-fjuri, bl-insetti u bl-għasafar. U nispera wkoll li tibqgħu membri għal ħafna ħafna snin. Ara kemm ħarġiet tal-magażin tfaddlu, eh!

Insomma, biex nispiċċa l-istorja, dik il-mara mbagħad sejħet liż-żewġ subien tfal tagħha u qaltli: "Isma', jien veru ma bqajtx membru, imma issa għandi t-tfal fi Klabb Huttaf, ta!"

U għalhekk ħfirtilha :)




Victor Falzon

Victor

**Victor Falzon**
l-editur

X'hemm mal-faċċata?



GHAJN IS-SERDUQ (Pheasant's Eye Adonis microcarpa) hija pjanta baxxa bi fjuri żgħar ħomor li jiftħu daż-żmien tas-sena. Dari din kienet fjura komuni f'Malta, imma llum saret skarsa. Dan għaliex qabel kienet drawwa jaqtgħu bukketti sħaħ minnha. Ħeqq, u ftit ftit sparixxiet minn ħafna postijiet.

Ritratt ta' Desirée Falzon

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| L-iSkrepbuk tal-Fjuri | 5 |
| Il-Balluta Ingliża | 6 |
| Faqqiegħ | 7 |
| Attività | 8 |
| Rapport | 8 |
| It-Tundra tal-Muntanji | 9 |
| Gallerija | 10 |
| Spring Alive | 10 |
| Nilagħbu tikka | 11 |
| Dinja Waħda | 11 |


### Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf


Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon • Angèle Pulis


### kuntatt


indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin **il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


### Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Għall-membri tal-Klabb nagħmlu ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu dal-magażin Il-Ħuttafa li nibagħtuh lill-membri d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin iktar minn 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.


© Publikazzjoni BirdLife Malta, Frar 2009


Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop






# 7761

Dan huwa n-numru ta' Zizka Bojod li fl-10 Jannar 2009 daħlu l-Belt Valletta... biex jorqdu!

Dakinhar wara nofsinhar, 15-il berdwoċer tal-BirdLife iltaqgħu, tqassmu madwar is-swar tal-Belt u qagħdu jistennew liz-zizka deħlin...

Iz-**Zakak Abjad** (White Wagtail) huwa għasfur komuni tax-xitwa. Tara ħafna minnhom fil-kampanja, fit-toroq, fil-pjazez u anke fil-btieħi tal-iskola. Filgħaxija jħobbu jinġabru fi gruppi biex jorqdu f'siġar kbar u folti, għall-kenn u għall-kumpanija. Fil-Belt Valletta hemm l-ikbar "dormitorju" taz-zizka, u kull sena l-BirdLife torganizza ċensiment taz-zizka li jorqdu hemmhekk.

Dis-sena kienet sena rekord, għax il-membri għaddew **7761** zakak. Dan huwa ferm iktar mill-aħħar rekord, li kien 5433 (2008 - ara Il-Huttafa 84).



Aron Tanti

# Fjamma Afrikana



Edward Bonavia

Kull sena F'Malta jiġu żewġ speċi ta' fjammi: il-FJAMMA (Common Redstart), li narawha fil-passes tar-rebbiegħa u l-ħarifa; u l-FJAMMA SEWDA (Black Redstart), li tgħaddi x-xitwa magħna. Imma hemm ukoll il-**Fjamma tat-Tuneżija** (Moussier's Redstart) li hija rarissma. Din is-soltu biex taraha trid taqsam għall-Afrika ta' Fuq...

Imma f'Novembru li għadda tfaċċat waħda fil-park tal-Majjistral. Anzi wieħed mhux waħda, għax inzerta raġel u għalhekk kellu kuluri mill-aqwa. Lemħuha sħabna André Raine u Arnold Sciberras. B'xorti tajba dan l-għasfur tal-ġenn dam hemmhekk ix-xitwa kollha, u għalhekk kull berdwoċer akkanit mar ifittxu, u raħ!

# RAW IR-ROADRUNNER!

Kollha smajtu bir-Roadrunner, dak l-għasfur li Wile E. Coyote jipprova minn kollox biex jaqbdu! Ir-Roadrunner huwa għasfur li jeżisti veru u jgħix fid-deżerti tal-Amerka ta' Fuq. F'Malta ma jeżistix, imma kieku kellna nagħżlu għasfur bħala r-Roadrunner ta' Malta, naħseb nagħżlu n-Nankina!

In-**Nankina** (Cream-coloured Courser) hija għasfur tal-beraħ li minbarra li ttir tajjeb tħobb ukoll tiġri. F'Malta hija rari u ma tidhirx kull sena. Imma fl-4 Frar 2009, xi berdwoċers tal-BirdLife li kienu fl-inħawi tal-ajruport raw żewġ Nankini. Xi ġranet iktar tard dehret oħra.

Dar-ritratt sabiħ hadu l-ħabib tagħna Robert Camilleri.





## Qattus Amerikan

Il-ġagwar huwa annimal tal-foresti tal-Amerka t'Isfel. Sa ftit snin ilu ma kinux jemmnu li fl-Amerka ta' Fuq għadu jeżisti. Imbagħad kienu rawh f'inħawi mwarrbin ħafna ta' New Mexico. Ftit ġimgħat ilu, fid-deżert tal-Ariżona (USA), xjenzati qabdu ġagwar raġel, ħadulu xi qisien u reġgħu telquh liebes kullar bil-GPS. B'hekk issa jistgħu jitgħallmu iktar fuq il-ħajja misterjuża ta' dan l-annimal.

## Ġodda Fjamanti...










Xjenzati Taljani li kienu qed jistudjaw il-ħajja fil-foresti Nguru fit-**Tanżanija** tellgħu lista ta' 92 speċi ta' rettili u amfibji. Wara riċerka sabu (f'Jannar 2009) li mhux inqas minn 17 minn dil-lista huma speċi ġodda għax-xjenza, fosthom sriep, wiżgħat, [1]rospi, żrinġijiet u kamaleonti.

B'xorti ħażina dawn il-foresti qed jaqtgħuhom għall-injam, jew jaħarquhom biex jikxfu l-art għall-biedja. Dawn ix-xjenzati qed jaħdmu ma' għaqdiet tal-post biex l-iżvilupp f'dawn il-foresti jkun iktar [2]sostenibbli.




## Baħar protett

L-i**Stati Uniti** tikkmanda ħafna gżejjer żgħar fl-Oċean Paċifiku (mhux biss il-Hawai'i). Fost dawn hemm Saipan, Tinian, Guam, Howland Island, Baker Island, Jarvis Island, Wake Island, Johnston Atoll, Rose Atoll, Palmyra Atoll u Kingman Reef. Ħafna minn dawn il-gżejjer huma mdawrin b'sikek u skollijiet kbar ta' qroll mill-iktar varjat, sinjur u tal-ġenn, b'eluf ta' speċi ta' ħut, bebbux, gambli u fawna oħra.

F'Jannar 2009, l-iStati Uniti ddikjarat ħafna mill-baħar madwar dawn il-gżejjer bħala area protetta. Din hija area totali ta' 500,000km² (ikbar mill-Baħar l-Iswed) u fiha ma jistax isir iktar sajd intensiv, tħaffir għaż-żejt jew attività oħra.

Ħafna minn dal-baħar huwa baxx, fejn il-qroll jikber fid-dawl tax-xemx. Imma hemm ukoll trinek fondi, inkluż il-Marianas Trench, fejn hemm l-iktar baħar fond tad-dinja - 11km! L-area fiha wkoll ħafna vulkani f'qiegħ il-baħar u xquq b'tajn jagħli jgelgel minnhom. Insomma kollha postijiet ta' interess kbir għax-xjenza.

Għall-erwieħ! Jidher li fl-aħħar l-Amerka qed tibda tiġi f'sensiha u terġa' tagħmel affarijiet favur l-ambjent!

**11km fond**! Il-aħwa, mela daqs ir-rotta tal-Mixja Maratona!





Waqt tħaffir f'minjiera tal-faħam f'Cerrejon (Colombia) sabu fossili ta' serp mir-razza tal-boa constrictor. Mid-daqs ta' l-għadma - rukkell mix-xewka tad-dahar - stmaw li s-serp kien twil xi 13m u kien jiżen 1140kg. Semmewh Titanoboa għax s'issa huwa l-ikbar serp li nafu bih. Illum din l-ispeċi m'għadhiex teżisti! Naħseb imnalla...

Jekk għandkom rutella d-dar, ara kemm jiġu 13-il metru. Jew uża l-metre ruler tal-klassi.

[1]**rospu** - tip ta' żring is-soltu b'forma ftit goffa (bl-Ingliż toad).
[2]**sostenibbli** - żvilupp li jsir taħt kontroll, b'mod li ma jkomplix jinqered l-ambjent jew ir-riżors.



## X'nista' nara llum?

**Jason Aloisio** jgħidilna fuq għasfur li nistgħu naraw daż-żmien tas-sena

### is-summiena

Common Quail
*Coturnix coturnix*



L-istampa meħuda mill-ktieb Għasafar Madwarna, li qiegħed għall-bejgħ (€5) mill-BirdLife.

Is-Summiena waħda miż-żewġ għasafar (l-oħra hi l-Gamiema) li se jgawdu bil-kbir bil-waqfien tal-kaċċa fir-rebbiegħa. Sa sentejn ilu eluf ta' kaċċaturi kienu joħorġu għalihom. Issa nisperaw li l-Gamiem u s-Summien jitħalla bi kwietu, imqar fir-rebbiegħa.

Is-Summiena hija għasfur żgħir u mbaċċaċ, b'denb daqs nitfa. Tinħeba fl-art qalb il-ħaxix jew fl-għelieqi tal-qamħ għal ħinijiet twal, u ttir biss jekk tħoss li l-periklu jkun laħaqha. Il-kulur tagħha jgħinha tinħeba u ma tkunx tidher. Għandha għajta karatteristika li ngħidu qiegħda tfaqqa'.

Is-Summien ibejjet f'daqsxejn ta' ħofra li jagħmel fil-ħamrija. Il-bejta jista' jkollha sa 12-il bajda. Kemm-il darba ttantat tbejjet f'Malta imma rari rnexxielha. Dan jiġri jew għax il-kbar jinqabdu minn kaċċaturi jew nassaba, inkella għax il-bejta tkun f'għalqa tal-qamħ li jinħasad qabel ma l-frieħ itajru.

Issa li l-ewwel periklu naqas sew, nittamaw li s-Summien isib post tajjeb fejn ibejjet f'Malta wkoll.

Hawn infetaħlek!

Uffff !

## L-iSkrepbuk tal-Fjuri

kitba ta' **Jeffrey Sciberras**

### lellux

bl-Ingliż **Crown Daisy**
isem xjentifiku
**Glebionis coronaria**

- Pjanta [1]annwali li tikber sa 2m. Weraq aħdar skur u maqsum b'ħafna truf. Tagħmel ħafna fjuri kbar b'ħafna petali ta' lewn isfar karg. Jidhru ftit fix-xitwa imbagħad iżidu fir-rebbiegħa. Fis-sajf tinxef u tmut għal kollox.
- Ħafna ħanfus iżur il-fjuri tal-Lellux.
- Tikber f'għelieqi mitluqin u f'postijiet imħarbtin.
- Komuni ħafna f'Malta u f'Għawdex, imma skarsa u [2]lokalizzata f' Kemmuna, peress li f'Kemmuna hemm ftit li xejn imħarbat.
- Teżisti varjetà discolor bil-petali nofshom bojod u noshom sofor, li hi ħafna iktar skarsa, u normalment tikber qalb il-Lellux il-komuni.





Arnold Sciberras

[1]**annwali** - pjanta li tgħix staġun jew tnejn biss.
[2]**lokalizzata** - issibha fi ftit postijiet, u mhux mifruxa.




# il-balluta Ingliża

English Oak Quercus robur

Fost is-siġar protetti li jżejnu lill-pajjiżna nsibu waħda magħrufa ħafna mal-Ewropa kollha. Din hija l-Balluta Ingliża. Bl-Ingliż jgħidulha wkoll Common Oak u European Oak. Dawn l-ismijiet jixhdu l-importanza ta' dis-siġra fil-kultura u l-istorja tal-popli tal-Ewropa. L-ewwel isem huwa assoċjat mal-Ingliżi għax ix-xwieni li bihom bnew l-imperu Britanniku kienu nbnew mill-injam ta' dis-siġra.




Hija komuni mhux biss fl-Ingilterra imma mal-Ewropa kollha, mill-iSkandinavja sal-Mediterran, kif ukoll fl-Afrika ta' Fuq. Mhux ta' b'xejn tissejjaħ Komuni u Ewropea.

F'Malta l-Balluta Ingliża hija rari. Aktarx li ddaħħlet mill-bniedem, biss setgħet kienet parti mill-masġar indiġenu tal-gżejjer tagħna. Il-masġar ta' siġar [1]ħorfin kien iktar mifrux fl-antik, imma nqered bl-inxif tal-klima u b'għemil il-bniedem fi Żmien il-Ħaġar eluf ta' snin ilu.

Illum ftit tara minn din is-siġra. Hemm waħda l-ġmiel tagħha l-Buskett kif taqbeż it-tinda, oħra viċin tagħha, int u nieżel lejn il-wied, u xi tnejn oħra f'Wied il-Luq. Hemm erbgħa kbar fi Triq il-Wied bejn Birkirkara u l-iMsida, hdejn il-pont. Naf b'waħda żagħżugħa int u diehel l-iSptar Monti Karmeli (fuq ix-xellug). Is-sena l-oħra tħawlet waħda l-Għammieri.

Il-Balluta Ingliża tikber bil-mod imma tikber tajjeb u kbira fejn hemm [2]tira dejjiema fil-ħamrija. Tgħix mijiet ta' snin. Iz-zokk ewlieni huwa relattivament qasir. Minnu johorġu d-dirgħajn (l-ehxen frieghi), u minn dawn jikbru frieghi hoxnin, imbagħad il-frieghi ż-żgħar li minnhom jikbru l-weraq u l-[3]katkni.

Din is-siġra tiddakkar bir-riħ u l-katkni joħorġu fir-rebbiegħa u jagħtu dehra ħadra safranija lis-siġra, li jmur ħafna maz-zkuk griżi tas-siġra. Wara joħorġu l-weraq, li għall-bidu jkunu ħodor ċari u wara jiskuraw. Il-weraq huwa ovali tawwali, bis-swaba' mad-dawra. Wara s-sajf il-weraq joħrof u jaqa' mis-siġra. Bla weraq, il-Balluta Ingliża tispikkalha iktar l-arkitettura sabiħa tagħha.




Il-weraq u l-ġandar li jaqa' jiffurmaw saff terriċċju tajjeb ħafna li fih u fuqu jgħixu ħafna insetti li mbagħad jiġbdu lejhom annimali oħrajn bħal għasafar u rettili.




Nisperaw li l-Balluta Ingliża, li kulturalment tgħaqqadna ma' ħutna l-Ewropej l-oħrajn, tiġi mħarsa aktar. Tkun ħaġa sabiħa kieku f'xi toroq u ġonna jitħawlu ftit mijiet minnha.

Il-ġandar ta' dis-siġra jaqa' f'Ottubru u jinżera' mill-ewwel. Huwa ikbar u aktar tawwali u tond fit-truf minn dak tal-Balluta ta' Malta. Fil-mixtla jhobb id-dell imma jikber tajjeb, u mat-tieni sena jista' jitħawwel barra.

**il-masġâr Charles F. Grech**

[1]**ħorfin** - pjanti li jwaqqgħu l-weraq fil-ħarifa (bl-Ingliż deciduous)
[2]**tira** - meta taħt il-ħamrija jkun umdu
[3]**katkni** - fjuri forma ta' għanqud (catkins)



# X'faqgħa ta' Faqqiegħ



**Fejn l-art tkun umda u jkun hemm il-kenn, id-dell u weraq jew zkuk jitmermru, spiss jikber il-faqqiegħ, kultant fl-art kultant anke fuq iz-zkuk tas-siġar. Peress li dix-xitwa kellna xita mhux ħażin, il-faqqiegħ kellu fejn jixxala. F'Malta għandna iktar minn 400 speċi ta' faqqiegħ, u dawn huma ftit minnhom. Kemm huma sbieħ hux! Ifakkruk fl-istejjer tas-sharijiet, fil-fairies u l-pixies... u forsi fil-Puffi wkoll! Imma ftakru li avolja sbieħ, u avolja hemm faqqiegħ li jittiekel, QATT taqtgħu u tieklu minnhom: hemm faqqiegħ velenuż immens! Ħafna drabi trid tkun espert biex tagħraf il-faqqiegħ, għax ħafna faqqiegħ jixxiebaħ. Aħna stess m'aħniex ċerti x'jisimhom kollha dawn li qed nurukom, għalhekk ħallejna isimhom barra! Xorta sbieħ!**









**Meta tosserva l-faqqiegħ, innota fuq x'hiex qed jikber. Fuq zokk jew fl-art? Fuq weraq qed jitmermer? X'tip ta' weraq? U taħt il-weraq x'hemm? Ramel? Ħamrija? Trab? Dawn kollha affarijiet li jistgħu jgħinuk tagħrafhom. Għalhekk tajjeb li ġġorr nowtbuk miegħek.**







Ritratti ta' Victor Falzon, ħlief ta' fuq nett, li huwa ta' Charles Gauci

attività

# waslet l-m&m&m




Victor Falzon

Bħal kull sena waslet l-**M**&**M**&**M**: il-**M**ixja **M**aratona ta' **M**arzu, u bħal kull sena se nieħdu r-rotta komda u sabiħa li toħodna mir-Rabat sax-Xemxija: komda għax kważi kollha wita jew għan-niżla, u sabiħa għax tgħaddina mill-kampanja, li bħalissa qed tisplodi bil-fjuri tar-rebbiegħa. Mixja twila eżattament 11km.

Kif ħafna minnkom jafu, dil-mixja mhijiex biss ħajk. Hija wkoll attività li fiha niġbru xi flus biex imbagħad il-BirdLife tonfoqhom f'wieħed mill-proġetti tagħna għan-natura. Dis-sena se ngħinu lill-Foresta 2000 billi nixtru grasscutter u għodda oħra ta' bżonn fil-Foresta (ara wkoll p.11 u l-isponsorsheet). Dis-sena wkoll bħas-sena l-oħra se jingħaqdu magħna xi skejjel primarji.

Mela ejja! Aqbdu l-isponsorsheet li waslet mal-magażin u ibdew iffittaw zijiet, nanniet, parrini, għalliema fl-iskola, forsi xi ġirien (itolbu permess mill-ġenituri jekk se tħabbtu fuq xi bibien) biex jisponsorjawkom. Imbagħad ejjew għall-mixja. Ftakru li hemm rigali wkoll, dejjem skont kemm tiġbru.

Narawkom ir-Rabat, u itolbu għall-bnazzi :)




**data**
il-Ħadd 22 Marzu 2009
**niltaqgħu**
quddiem id-**Domus Romana** (Villa Rumana), **Rabat**
**ħin**
**8.30am** - tiġux tard!
**naslu x-Xemxija**
xi **12.30pm**
**merħba**
**membri* u l-familji tagħhom**
**ġibu**
**żarbun komdu, xi ħaġa tal-ikel, l-isponsorsheet u xi flus li tkunu ġbartu.**

*Membri taħt it-8 snin irid jiġi magħhom adult.

## Ħarġa sal-Foresta...


Membri jħawlu s-siġar f'Foresta 2000

Kathleen Mamo

Nhar il-Ħadd 25 Jannar 2009 qomt kmieni biex niltaqa' ma' tfal oħrajn għall-ħarġa ta' Klabb Ħuttaf. Did-darba morna nħawlu ftit siġar il-Foresta 2000. Foresta 2000 huwa proġett kbir li l-BirdLife tieħu ħsieb. F'dal-post s'issa tħawlu iktar minn 15,000 siġra! Foresta 2000 tinstab viċin ir-riserva naturali tal-Għadira, ħdejn il-Mellieħa.

Allavolja kien ħafna riħ xorta konna grupp sabiħ ta' xi 30 persuna. Iltqajna ħdejn ir-riserva u imbagħad tlajna bil-karozzi sat-Torri l-Aħmar u pparkjana hemmhekk. Wara bdejna l-mixja tagħna. Minn hemm fuq rajna veduta sabiħa tax-xagħri, ir-riserva, tal-Mellieħa u l-baħar. Rajna diversi siġar, arbuxelli , fjuri u għasafar. Iltqajna mar-rejnġer tal-foresta ,Ray Vella, li kellimna dwar il-post u n-natura li wieħed jista' jsib hemmhekk.

Ħawwilna xi 20 siġra fosthom **Ħarrub**, **Żnuber**, **Ballut** u **Għargħar**, is-siġra nazzjonali ta' Malta. Fl-Ewropa kollha, l-Għargħar jikber biss Malta u Spanja.

Barra siġar rajna ħafna pjanti oħrajn, fosthom **Deru**, **Riħan**, **Alaternu**, **Sagħtar**, **Żagħrun** u **Narċis**. Rajna wkoll ftit għasafar fosthom **Pitirross**, **Bufula Sewda**, **Fjamma Sewda**, **Pespus** u qatgħa **Gawwi Prim** itiru max-xatt.

Kienet attività sabiħa fejn mhux biss gawdejna n-natura, imma għamilna ftit ġid lill-ambjent naturali wkoll!

Steve Zammit Lupi

tività • • rapport • • attività • • rap-




merlinlibrary
the name in publishing and bookselling since 1964

An unbelievable range of books to suit all tastes at the best prices

www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com

merlinlibrary
Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 1575

T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135








# it-tundra tal-muntanji

Elisabeth Conrad

Fl-aħħar ħarġa tajna ħarsa lejn l-ambjent magħruf bħala tundra. F'dil-ħarga se naraw ambjent jixbħu però daqsxejn differenti. Dan huwa t-TUNDRA TAL-MUNTANJI (bl-Ingliż alpine tundra).

Bil-Latin, alpes tfisser muntanja għolja. Għalhekk alpine tundra huwa ambjent tal-muntanji għoljin.

X'jiġi f'moħħkom meta taħsbu fil-muntanji? Forsi kesħa, silġ u borra? U bir-raġun, għax iktar ma titla' fl-għoli, iktar tinżel it-temperatura! Kull kilometru li nitilgħu 'l fuq mil-livell tal-baħar, it-temperatura tonqos b'xi 6°. Mela jekk it-temperatura mal-baħar tkun 25°C, fil-quċċata ta' Mount Everest (għolja iktar minn 8km), it-temperatura tkun inqas minn -23°C!

## ambjent iebes

Minħabba dil-kesħa, il-muntanji mhumiex ambjent ideali għall-pjanti u l-annimali. Barra l-kesħa, iktar ma nitilgħu 'l fuq, inqas hemm protezzjoni mir-raġġi perikolużi tax-xemx. L-atmosfera għandha effett ta' filter biex tnaqqas dawn ir-raġġi, però fl-għoli tal-muntanji inqas hemm atmosfera, u għalhekk inqas protezzjoni.

Ftit pjanti kapaċi jgħixu f'dawn il-kundizzjonijiet. Fl-għoli hemm ukoll inqas carbon dioxide fl-arja, li huwa essenzjali għall-[1]fotosintesi li minnu jgħixu l-pjanti. Minħabba l-kesħa u r-riħ, il-pjanti jibqgħu baxxi u meta jmutu, idumu ma jitmermru. B'hekk il-ħamrija la hi rikka u lanqas fonda.

## ikampaw

U la ma tantx jikbru pjanti, ma tantx hemm ikel għall-annimali. L-annimali li jgħixu f'dan l-ambjent jadattaw b'modi simili għal dawk tat-tundra. Uħud ipassu għal bnadi inqas kesħin - spiss dan ifisser li jkollhom jinżlu mill-muntanji; oħrajn jagħmlu [2]hibernation, u oħrajn irabbu x-xaħam li jipproteġihom mill-kesħa. Il-ġisem ta' dawn l-annimali ikun mibni b'mod li jitilfu l-inqas sħana possibili.

Kull annimal ikollu "triks" partikolari kif ikampa. Per eżempju l-**alpaca** - annimal tassew ħelu li jgħix fil-muntanji Andes fl-Amerka t'Isfel - għandu pil oħxon ħafna u għandu wkoll stonku speċjali biex jgħix fuq ħaxix fqir fis-sustanzi. Barra min hekk, il-qiegħ ta' saqajh huma rotob biex ma jeqirdux il-ftit ħaxix li jikber fil-muntanji! L-alpaca tgħix ġranet sħaħ bla ikel u xorb, u ġeneralment tiekol u tixrob inqas minn annimali oħrajn.


L-**alpaca** hija adattata perfett għat-tundra tal-muntanji

L-annimali tat-tundra tal-muntanji għandhom

## lanqas arja!

bżonn ukoll adattamenti oħra. Forsi ġieli rajtu dokumentarju fejn xabbata tal-muntanji jsemmu l-altitude sickness u problemi biex jieħdu n-nifs. Dan għaliex minħabba l-għoli, il-pressjoni tal-atmosfera u l-livelli tal-ossiġnu fl-arja huma differenti f'dawn il-postijiet. L-annimali ta' dan l-ambjent adattaw billi żviluppaw pulmuni ikbar, u fid-demm għandhom iktar ħemoglobina, sustanza li tagħmel id-demm iktar effiċjenti. U taf x'inhu interessanti? Li dawn l-adattamenti jinstabu anke fin-nies li jgħixu f'dawn l-ambjenti, bħax-xerpa tal-Himalayas!

Tassew li l-bniedem huwa parti min-natura bħal kull annimal ieħor!

[1]**fotosintesi** - meta l-pjanti jibdlu d-dawl tax-xemx f'ikel għalihom.
[2]**hibernation** - raqda twila fix-xitwa, li fiha t-temperatura tal-ġisem tinżel ħafna, kemm kemm iżżomm l-annimal ħaj.

# galleriija

Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti tagħkom, basta tan-natura!



**pitirross**
cristina zammit 10



**gardell**
jacqueline licari 10



**ajkla**
jake john mizzi 12



**għasfur ta' san martin**
danica marja borg 10



**skwiril**
pamela bezzina 11



**seqer tal-ħannieqa**
ayrton hayman 10



**berwieq**
rebekah camilleri 8



# spring alive




Bħalissa l-għasafar qed jibdew ipassu mill-Afrika u mill-Mediterran lejn l-Ewropa. Ħafna tfal f'pajjiżi Ewropej qegħdin b'seba' għajnejn biex jilmħu u jagħtu merħba lill-ewwel għasafar li jaslu minn dan il-vjaġġ twil.

**Spring Alive** hija websajt Ewropea dedikata lil erba' għasafar tal-passa, fosthom il-**Ħuttafa,** fejn it-tfal jistgħu jniżżlu l-osservazzjonijiet tagħhom.

Għalhekk jekk taraw Ħuttafa, idħlu fil-websajt u daħħlu nota. Ejja, ħa nuru lil kulħadd li anke hawn Malta nħobbu u nosservaw l-għasafar!! Issa għandna wkoll verżjoni bil-Malti tal-websajt, bis-saħħa u l-paċenzja tal-ħabib tagħna Jason Aloisio.

Il-websajt qiegħda **www.springalive.net** - ikklikkjaw CHANGE COUNTRY u ikklikkjaw il-bandiera Maltija.

# nilagħbu tikka

ma' Janet u Amy Gerardi

**Ħudu paċenzja għinu ftit lil dal-povru żring mitluf biex isib it-triq lura għall-għadira, għax donnu daqt jinfaqa' jibki miskin...**



## titwila lejn Dinja Waħda

Desirée Falzon

dinja waħda

Did-darba Klabb Ħuttaf u Dinja Waħda se jiltaqgħu! Fejn? Fil-Mixja Maratona tas-22 Marzu. F'din l-attività Klabb Ħuttaf jistieden lill-iskejjel biex jingħaqdu magħna ħa nimxu mixja sponsorjata. X'jiġifieri?

Mela, l-ewwel il-BirdLife tiddeċiedi li tiġbor flus għal xi ħaġa speċjali, u did-darba se niġbru biex nixtru grasscutter għal Foresta 2000. X'nambuh grasscutter? Għax meta siġra tkun għadha żgħira, il-ħaxix selvaġġ jista' johnoqha. Barra minn hekk, jekk il-ħaxix jieħu n-nar bis-shana tas-sajf (jew iqabbduh il-vandali), in-nar iqabbad ukoll lis-siġra jekk din tkun imdawra bil-ħaxix niexef. Għalhekk importanti li l-ħaxix jinqata' minn madwar is-siġar. U f'post kbir bħal Foresta 2000 ma tistax taqta' dak il-ħaxix kollu b'idejk imma trid l-għodda. Għalhekk il-bżonn ta' grasscutter.



Waqt il-mixja maratona tas-sena l-oħra.

Ma' dil-ħarġa tal-magażin għandek sponsor-sheet biex inti tmur fuq xi nies, tweghedhom li se timxi mixja maratona, u huma jagħtuk donazzjoni. Importanti li tgħid min int u għal x'hiex se tiġbor.

**Attività 20** ta' Dinja Waħda tistiednek tiġi flimkien mal-għalliema għal dil-mixja. Mela isa, ħajjar lill-għalliema u ħajjar lil shabek tgħaqqdu grupp u tiġu magħna! Iktar ma nkunu tfal, iktar niġbru flus għall-Foresta 2000. U naturalment iktar punti għall-iskola tagħkom (u rigali għalikom)!

BirdLife MALTA

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta flimkien ma' Bank of Valletta Ltd, il-partner tagħha fl-edukazzjoni

BOV Bank of Valletta

# BOV Young Savers Account

## aħna ngħinuk **tfaddal**




Faddal il-flus li qlajt matul il-vaganzi tal-Milied permezz tal-**BOV Young Savers Account** u gawdi minn:

- **Karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont**
- **Tirċievi l-Ġurnal ta' Ċikkurillu darbtejn f'sena**
- **Rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'.**

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

**Bank of Valletta**

*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

BOV 21433

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*